MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Numru 211/2008

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Dionizio Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 353657(M), akkuzat talli:

1. nhar it-18 ta’ Frar 2008, ghall-habta ta’ 9:00hrs gewwa Triq is-Santwarju, Zabbar volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioé ghamel hsara fi hgieg ta’ vettura bin-numru EBY-606 ta’ ghamla Bedford, liema hsarat hija ta’ aktar minn 116.47 Euro (hamsin lira Maltija) u anqas minn 11644.69 Euro (hames mitt lira Maltija) ghad-dannu ta’

Francis Galea detentur tal-karta tal-identita bin-numru 1065(M) u dan bi ksur tal-Artikolu 325 tal-Kap ;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-Carmel Rapinett detentur tal-karta tal-identita bin-numru 785350(M) b’arma irregolari (turnavit) u kkagunalu griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifikat Dr. Alexandra Baldacchino minn Paola Health Centre u dan bi ksur tal-artikolu 221(1)(2) tal-Kap 9;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament u mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbal tal-lum;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma ta’ hsara volontarja, feriti hfieg u ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika.

Illi indipendentament mix-xhieda rigward l-ewwel akkuza li tirrigwarda l-hsara volontarja hemm ammissjoni tal-akkuzat fl-istqarrija tieghu li din il-hsara, konsistenti fi ksur ta’ hgiega ta’ xarabank, almenu in parti, ikkagunha hu b’daqqa bil-pala ta’ idejh.

Dwar it-tieni u t-tielet akkuza l-provi ma wasslux sabiex jippruvaw dan l-akkuzi. Hemm ukoll r-rinunzja tal-azzjoni da parti tal-kwerelant.

Fir-rigward il-hsara il-provi juru li tezisti l-prova dwar il-konsistenza taghhom.

Rat ghalhekk l-Artikolu 325(b) tal-Kap 9 u filwaqt li ssib l-akkuzat hati tal-ewwel akkuza, u mhux ukoll tat-tieni u t-tielet, qeghda tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' tlett xhur mil-lum sakemm ma jaghmilx reat iehor f'dan il-perjodu u bil-kundizzjoni li jhallas lil-parti leza (ossija s-sid tax-xarabank) € 116.47 fl-istess zmien ta' tlett xhur mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------